SAN LAWRENZ

Minuti tat-tmienja u ħamsin (58) laqgħa tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2015 fis-5:30 pm

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Sindku |
| Is-Sna. Micheline Mercieca | Vici Sindku |
| Is-Sna. Luiga Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Paul Bajada | Seg. Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Renee Formosa | Ambaxxatriċi |

1. Talba

Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Inqraw il-minuti tal-58 laqgħa mis-Seg. Ezekuttiv u ġew approvati mill-membri.

*Mill-Minuti*

2.2 Rigward 3.3, is-segretarju nforma li ser issir laqgħa mal-kuntrattur dwar il-ġbir tal-iskart riċiklat, fosthom il-ġbir tal-ħġieġ. Il-Kunsilliera qablu li għandna nibqgħu nitolbu l-provediment tal-kontenitur tal-plastic mill-kuntrattur, minħabba s-safety tar-residenti

2.3 Rigward punt 3.8 il-Kunsillier Joseph Sultana saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-segretarju nforma li ghad ma ġietx risposta minn Transport Malta. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm risposta pożittiva x-xogħol għandu jsir minnufih.

2.4 Rigward punt 7.1 is-Sindku nforma li saru xi tiswijiet ta' ħofor fi Triq it-Torri u Triq ir-Rokon.

3. Korrispondenza

3.1 Il-Kunsill irċieva petizzjoni kontra l-installazzjoni t'antenna tal-*mobiles* fil-lokalità tal-~~Kunsill~~. Wara diskussjoni qasira kulħadd qabel li kopja ta'din il-petizzjoni

San Lawrenz

għandha tintbgħat lill-Awtorita' kompetenti, f'dan il-każ l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni.

3.2 Mingħand is-Sur Joe Fiteni rigward stat ħażin ta' tabella ġewwa Daħlet Pawlu Luzzu, sabiex tinbidel. Il-kunsill qabel li din it-tabella għandha tinbidel.
3.3 Min għand Joseph Attard dwar informazzjoni għal teżi. Il-Kunsill qabel li għandu joffri l-għajnuna tiegħu. Dwar dokumentazzjoni huma permessi dawk li jistgħu jiġu pubblikati.
3.4 Mingħand Cynthia Formosa mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, fuq proġett li hu maħsub li jsir fid-Dar tal-Anzjani f' San Lawrenz. Is-Segretarjat talab lill-Kunsill Lokali sabiex jikkoordina ma Ms Mary Portelli sabiex jinstab post adegwat ħalli titwaħħal mosaic li jkun sar mill-istess anzjani. Il-Kunsilliera qablu li din l-opra għandha titpoġġa mal-ħajt taċ-Ċentru tal-Kommunita'.

4. Approvazzjoni ta' pagamenti

4.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 58 ġiet approvata għall-ammont ta' €13, 975.50, kif annessa mal-minuti.

5. Ħarġa tal-Anzjani Marzu 2015

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-ħarġa tal-anzjani għax-xahar ta' Marzu. Il-Kunsilliera qablu li l-ħarġa għandha ssir nhar il-11 ta' Marzu 2015. Din id-darba il-ħarġa ser issir ġewwa r-raħal ta' Kerċem.

6. Approvazzjoni tal-Annual Financial Statements 2014 u l-Budget 2015

6.1 Is-segretarju eżekuttiv poġġa l-Financial Statements tal-2014 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju spjega li dawn l-financial statements ser imorru għand l-awditur sabiex issir l-awditjar fuq is-sena annwali. Wara tintbgħat l-Management Letter fejn il-Kunsill ikun irid jirridpondi għaliha. Il-Financial Statements tal-2014 ġew approvati mill-kunsilliera preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6.2 Il-Budget ġie preżentat mis-Segretarju Eżekuttiv, ġie diskuss u approvat mill-Kunsilliera.

7. Ġemellaġġ ma' Colle Umberto

7.1 Is-Sindku stqarr li din is-sena ser jaħbat l-għaxar anniversarju minn meta San Lawrenz ġie ġemellat ma' Colle Umberto. Kif diġa huwa ppjanat il-komunita' ta' San Lawrenz ser tospita l-komunita' ta' Colle Umberto f'Awwissu tal-2015, waqt li huwa pjanat ukoll li l-komunità ta' Colle Umbrto ser tospita' lil dik ta' San Lawrenz f'

SAN LAWRENZ

Diċembru tal-2015. Għal dan il-għan il-Kunsill ta' San Lawrenz ser japplika bħala *project organiser*, taħt il-proġramm tat-*Town Twinning-Europe for Citizens.*

8. Materji Oħra

8.1 Is-Sindku qal li kellu *complaint* mingħand resident fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral rigward livell ta' bankina li qed tagħmel ħsara fuq faċċata ta' dar. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi kuntatjat Joe Grima sabiex flimkien mas-Sindku jaraw xi jista' jsir.

8.2 Is-Sindku nforma li għad jonqos il-bins fil-Bring in Sites fi Triq tal-Ġebla tal-Ġeneral. ~~Intalbet~~ stima għall-sett ta ħames bins mingħand is-Sur Godfey Borg għall-prezz ta' € 220, Vat eskluż. Kulħadd qabel li għandhom jiġu ordnati dment li dawn il-bins huma f'kundizzjoni tajba.

Ingħatabet

8.3 Is-Sindku nforma wkoll li fil-weekend ta' bejn 7 u 8 ta' Frar 2015. Iż-żewġ *bring-in-site* fil-triq il-Ġebla tal-Ġeneral inqalbu u kienu ta' periklu għat-traffiku li jgħaddi minn hemm. Is-Sindku ikkuntatja lis-Sur Josef Pace sabiex jiġi bil-*high up* dak inhar stess sabiex jiġi evitat tali periklu.

Anthony Cassar
Sindku

Ian Paul Bajada
Seg. Eżekuttiv

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt